# DISKORS MILL-ONOR LAWRENCE GONZI, PRIM MINISTRU, WAQT KUNĊERT MILL-BANDA RE ĠORĠ V, FL-OKKAŻJONI TAL-MITT SENA MIT-TWAQQIF TAS-SOĊJETÀ SANTA MARIJA TAL-IMQABBA, FIL-PJAZZA TAL-IMQABBA – IT-TLIETA, 10 TA' AWWISSU 2010.

**Sur President u Sinjuri Membri tal-Kumitat tas-Soċjetà,**
**Sur Sindku u s-Sinjura,**
**Reverendu Kappillan,**
**Membri Parlamentari,**
**Sinjuri,**

**Qegħdin f'misraħ pittoresk ta' raħal sabiħ infakkru dan iċ-ċentinarju. L-istorja tal-irħula Maltin hi magħquda ħaġa waħda mal-preżenza attiva u pożittiva, is-sena kollha, tal-każini tal-banda. Il-festi tagħna, reliġjużi u ċivili, ma jkunux dak li huma mingħajr is-sehem ferrieħi u edukattiv tal-banda.**

**Jien u nħares lejn il-każin, ngħid ukoll li dan hu mużew fih innifsu li jikteb l-istorja ta' raħal. Fis-swali tiegħu, jiġbor parti importanti mill-wirt tal-lokal u ta' pajjiżna - vetrina ta' storja u ta' kultura li tiġbor ix-xbihat u x-xhieda ta' kif din l-għaqda hi l-frott ta' proċess twil ta' żmien, ta' ħidma ta' ħafna nies kapaċi u dedikati li għaddew il-kultura minn ġenerazzjoni għal ġenerazzjoni.**

**Hekk għamlu l-antennati tagħkom, Sur President, li mitt sena ilu waqqfu l-każin b'isem ir-Re Ġorġ Ħamsa, li kien għadu kif tela' fuq it-tron f'dik l-istess sena, u li taw bidu għal mitt sena ta' mużika u kultura u suċċess.**

**Sur President, smajtek issemmi l-premju Ewropew għall-Ġemellaġi li l-Banda Re Ġorġ Ħamsa kisbet mill-Kummissjoni Ewropea. Is-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea llum qed tagħti spinta wkoll lil ħafna għaqdiet volontarji f'attivitajiet ġodda li bihom aħna l-Maltin naqsmu l-kultura u l-identità**

**partikulari tagħna mal-Ewropej sħabna. Kien dan ukoll l-għan tal-għaqda Ewropea - mhux biss għaqda ekonomika u politika imma wkoll għaqda soċjali u kulturali.**

**Naf li s-soċjetà tagħkom ittella' u tieħu sehem f'ħafna okkażjonijiet kulturali b'wirjiet u attivitajiet li anke jien kelli l-pjaċir nara. Parti minn din il-kultura li intom taqsmu mal-Maltin u mal-barranin hi wkoll l-arti piroteknika. Din is-sena, l-Għaqda tan-Nar tas-soċjetà tagħkom rebħet il-Festival tan-Nar tal-Art li qed ikun organizzat kull sena mill-Kunsill Lokali tal-Furjana. Dan hu wkoll żvilupp kulturali permezz tal-Kunsilli Lokali li l-Gvern jappoġġja bis-sħiħ.**

**Il-Gvern hu impennjat li jippromwovi kif jixraq il-logħob tan-nar ħalli aktar nies igawdu l-ispettakli li taf tagħti l-arti piroteknika fis-sigurtà u b'mod li Malta - kif tajtu prova intom stess - tkun fost ta' quddiem nett fid-dinja. Kien għalhekk li l-Gvern, permezz tal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, beda jorganizza l-Festival Internazzjonali tal-Logħob tan-Nar fil-Port il-Kbir li l-Għaqda tan-Nar tas-soċjetà tagħkom kienet ir-rebbieħa tal-ewwel kompetizzjoni li saret fih.**

**Il-Festival tal-Logħob tan-Nar qed jirnexxi b'tali mod li l-iżviluppi u l-kuntatti li qed iseħħu fih mhux biss**

**wasslu għal parteċipazzjoni ta' gruppi tan-nar Maltin barra minn Malta imma wkoll għal konferenza internazzjonali dwar il-piroteknika li Malta se tkun qed tilqa' sentejn oħra.**

**Dan jixraq lil Malta. Nista' ngħid li meta ospitajt is-Summit tal-*Commonwealth* ħames snin ilu, fiċ-ċena li tat ir-Reġina għall-mexxejja tal-*Commonwealth*, meta l-Għaqda tan-Nar tas-soċjetà tagħkom tat l-ispettaklu, ilkoll ħadna pjaċir naraw il-piroteknika tilma fuq wiċċ il-bajja ta' Għajn Tuffieħa f'mument li kompla jagħmel unur lil pajjiżna.**

**Għaqdiet volontarji bħal tagħkom u tant oħrajn f'pajjiżna għandhom fil-qalba tal-ħidma tagħhom in-nies, il-bniedem, kull bniedem. Hu dan li joħloq tant ġid bl-azzjoni volontarja li l-Gvern qed jara li jgħin u jinċentiva kemm jista' - azzjoni volontarja għan-nies kollha li tħares 'l hemm minn settur jew sezzjoni u timmira l-ġid għal kulħadd.**

**Grazzi.**